**3 ta' Frar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Philip Aglus et. pr. et. ne.

*versus*

Charles Pace ne. et.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Valur — Assoċjazzjoni in Partiċipazzjoni.**

*Assoċjazzjoni in partiċipazzjoni ma tikkostitwix enti morali morali distint mill-persuna tal-assoċjati singoli.*

*Għaldaqstant, il-valur involut fil-kawża, għall-finijiet tal-appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat, ma*

*jistgħax jitqies in relazzjoni għal dik l-assoċjazzjoni "uti universum jus", imma għandu jitqies biss in relazzjoni għall-assoċjati "uti singuli".*

*Jekk l-assoċjati huma tnejn, u ebda mod jew miżura oħra ta' allokazzjoni ma tiġi allegata fil-petizzjoni tal-appell, l-ammont jew il-valur, għall-fintijiet tal-appellabbiltà, għandu jiġi ripartit bejn iż-żewġ petizzjonanti nofs kull wieħed.*

*U jekk b'dawn il-kriterji jirriżulta illi l-preġudizzju li kull wieħed mill-appellanti jallega li sofra bis-sentenza u li minnu jrid jipprova jillibera ruħu per mezz tal-appell lill-Privy Council, hu anqas minn £500, it-talba għall-permess biex isir dak l-appell ma hix tali li għandha tiġi akkordata b' dritt minħabba l-valur.*

Il-Qorti:— Rat il-petizzjoni tal-imsemmija Philip Agius u Iro Agius, f'isimhom u għas-"Seed Potatoes Importers 1954/1955", li biha ssottomettew bir-rispett:—

Illi b'ċitazzjoni preżentata fl-24 ta' Jannar 1957 fl-ismijiet premessi, quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, l-esponenti, wara li ppremettew illi l-konvenuti in assoċjazzjoni magħhom importaw u biegħu żerrigħa tal-patata, skond skrittura tad-29 ta' Novembru 1954, u minn din l-assoċjazzjoni ġew rikavati l-profitti kif indikati fil-kont ossija prospett "A" (eżibit miċ-ċitazzjoni); liema profitti imissu, skond l-istess skrittura, kwantu għal £2685. 2.9 lill-konvenuti "Walker & Pace", £2953.15.5 lill-konvenuti Xerri u Zammit, u kwantu għal £3490.15.7 lill-esponenti; u billi l-kontendenti daħħlu mill-bejgħ tal-istess merkanzija l-profitti ndikati fl-istess prospett "A", ammontanti f'kollox għal £9129.5.9; talbu (1) li jiġi dikjarat li l-istess profitti, jew oħrajn li talvolta jirriżultaw, imissu lill-kontendenti fil-proporzjonijiet fuq imsemmija, kif jirriżulta mill-istess prospett; billi jiġi l-istess prospett approvat, u okkorrendo dikjarat ġust u eżatt; (2) li l-konvenuti "Walker & Pace" jiġu għalhekk kundannati jħallsu lill-esponenti s-somma ta' £821.17.9 bħala konteġġ jew ekwiparazzjoni tal-istess profitti li imissu lill-esponenti mill-istess operazzjoni taż-żerrigħa tal-patata; (3) u li l-konvenuti "Xerri & Zammit" jiġu kundannati jħallsu lill-esponenti

s-somma ta' £340.19.10 għall-istess konteġġ jew ekwiparazzjoni tal-istess profitti dovuti lill-esponenti fl-istess operazzjoni; bl-imgħax tas-6% mid-9 ta' Jannar 1957; bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru 1956 u tad-9 ta' Jannar 1957; u bl-inġunzjoni lill-konvenuti għas-subizzjoni;

Illi l-konvenuti Charles Pace u John Muscat nomine, b'nota tal-eċċezzjonijiet preżentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Frar 1957, eċċepew illi kemm għandhom jagħtu lill-atturi proprio et nomine jiddependi mhux biss mill-eżattezza tal-kontijiet ta' dawn l-atturi, imma anki mill-eżattezza tal-kontijiet tad-ditta "E. Zammit & Joseph Xerri"; u għalkemm bejn l-eċċipjenti u l-atturi d-differenza in kwistjoni hija żgħira, l-eċċipjenti ma jafux jekk il-konvenuti l-oħra aċċettawx jew humiex bi ħsiebhom jikkontestaw l-eżattezza tal-kontijiet tal-atturi; għalhekk l-eċċipjenti ma ħallsux is-sehem li l-atturi jippretendu minn għandhom; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-2 ta' Mejju 1957, fil-kawża fl-ismijiet premessi, ġiet miċħuda t-talba attriċi; bl-ispejjeż;

Illi l-esponenti ħassew ruħhom aggravati bl-imsemmija sentenza, u b'nota tad-9 ta' Mejju 1957 appellaw ruħhom minnha lil din l-Onorabbli Qorti, u talbu li s-sentenza appellata tiġi revokata, u li jiġi deċiż skond id-domandi miġjuba fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti; u hekk talbu li tiġi amministrata ġustizzja skond il-liġi;

Illi din l-Onorabbli Qorti, b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Novembru 1957, iddeċidiet u pprovdiet l-appell billi ddikjarat li kwantu għall-appellati Zammit u Xerri, fil-kwalità li fiha ġew imħarrkin, ma tistax tiġi aktar sollevata l-kwistjoni tal-validità tal-iskrittura fuq imsemmija (kif supplementata), stante l-ġudikat hemm imsemmi fil-konfront tagħhom, iżda ċaħdet il-preġudizzjali tal-ġudikat kwantu għall-appellati Pace u Muscat, fil-kwalità li fiha ġew imħarrkin, u ordnat li l-ispejjeż ta' dak l-inċident jitħallsu nofs mill-atturi, appellanti, u nofs mill-konvenuti,

appellati; iddikjarat illeċita l-iskrittura fuq imsemmi, (kif supplementata bl-iskrittura l-oħra) kwantu għar-rapporti bejn l-appellanti u l-appellati Pace u Muscat; u ċaħdet it-talba in kwantu diretta kontra tagħhom, bl-ispejjeż bla taxxa, id-dritt tar-Reġistru bin-nofs; u rrinvijat il-proċess lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tal-meritu fir-rapporti bejn l-atturi proprio et nomine u l-konvenuti appellati Zammit u Xerri nomine; u b'hekk, u fis-sens premess, akkoljiet in parti u rrespinġiet in parti l-appell rispettivament, u rriformat in parti s-sentenza appellata;

. Illi l-esponenti proprio et nomine jħossu ruħhom aggravati bl-imsemmija sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Novembru 1957, u jixtiequ jagħmlu minnha appell quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Illi l-ammont involut fil-kawża jeċċedi s-somma ta' £500;

U għalhekk talbu li din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tagħtihom il-permess li jappellaw mill-imsemmija deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 1957 għall-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni hi ristretta għall-paragrafu (a) tat-tieni regolament tar-Regolamenti dwar Appelli lill-Privy Council; għaliex l-atturi ma jippretendux, u lanqas setgħu jippretendu, li hemm lok għall-appell taħt il-paragrafu (b) stante l-importanza kbira ġenerali jew publika, tal-kawża. Skond il-paragrafu (a), jeħtieġ li l-ammont jew valur talħaġa li hemm appell fuqha jkun ta' £500 jew iżjed;

Hu ta' importanza li jingħad, qabel xejn, illi l-petizzjonanti huma tnejn, u jidhru tant f'isimhom stess kemm ukoll għas-"Seed Potatoes Importers 1954/1955". Issa, "ex admissis", din is-"Seed Potatoes Importers 1954/1955". ma hix soċjetà kummerċjali, iżda biss assoċjazzjoni għal

impriża partikulari. Hu komunement u paċifikament aċċettat li l-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni ma tikkostitwixxix enti morali distint mill-persuna tal-assoċjati singoli (ara Kollez. Vol. XVI-III-7-8). Għalhekk l-ammont jew valur involut ma jistgħax jitqies, għall-finijiet tal-appellabilità in relazzjoni għal dik l-assoċjazzjoni, "uti universum jus", imma għandu jitqies biss in relazzjoni għaż-żewġ atturi "uti singuli". U peress li ebda mod jew miżura oħra ta' allokazzjoni ma ġiet allegata, l-ammont jew valur, għall-finijiet tal-appellabbilità, għandu jiġi ripartit bejn iż-żewġ atturi nofs kull wieħed;

Issa, il-prattika tal-Privy Council biex jitqies il-valur hi dik hekk enunċjata fit-test "The Practice of the Privy Council in Judicial Matters" tal-Bentwich, 3rd edition, p. 107, fejn jgħid:— "The rule is that the judgment is to be looked at as it affects the interests of the party who is prejudiced by it, and who seeks to relieve himself from it by appeal......" Ma hemmx dubju li din il-prattika tal-Privy Council għandha tiġi segwita "in subjecta materia" (ara petizzjoni tal-appell lill-Privy Council fil-kawża fl-ismijiet "Avvocato Dottor William Harding ne. vs. Negoziante Henry Zammit nomine", deċiża minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 1934);

Issa, meta wieħed japplika dan il-kriterju għall-każ preżenti, hu eżuberantement ċar li l-preġudizzju li kull wieħed mill-atturi jallega li sofra, u li qiegħed jipprova jillibera ruħu minnu bl-appell lill-Privy Council, hu dak ta' nofs is-somma msemmija fit-tieni domanda, ċjoè nofs £821.17.9; liema nofs hu anqas mill-minimum ta' £500 preskritt mir-"Rules". L-ewwel domanda ma hix ħlief preambula; u jibqa' dejjem li, in definittiva, il-maximum li ż-żewġ atturi qegħedin jitolbu fil-konfront ta' Pace u Muscat nomine hu dak li hemm fit-tieni domanda, i.e. £821.17.9. L-interessi taż-żewġ atturi huma "affected", vis-a-vis dawk iż-żewġ konvenuti, sa dik is-somma; u t-telf ta' dik is-somma jirrappreżenta l-allegat preġudizzju li bl-appell l-atturi, kull wieħed għan-nofs tiegħu, iridu jilliberaw ruħhom minnu (ara App. "Bartolo vs. Tayar", 29 ta' Jannar 1954);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi d-domanda kontenuta fil-petizzjoni fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra l-petizzjonanti.